**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 22 ta' April 2024**

**Rik. Div.Nru.: 94/2024 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**SVS u SZS**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-partijiet datat 22 ta' Frar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija, ħamsa u disgħin (1995), liema ċertifikat taż-żwieġ hu hawn anness bħala Dok 'SS1';*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru elfejn u tlettax (2013) wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja permezz tad-digriet numru 1753/13, liema kuntratt huwa hawn anness bħala Dok 'SS2';*

*Illi minn dan iż-żwieġ huma għandhom żewġt itfal, IS li twieled f'X u li llum leħaq l-eta' maġġorenni, u ES, li twieled f'Y;*

*Illi l-manteniment dovut dejjem ġie rispettat;*

*Illi kwantu għall-manteniment lejn xulxin, ħadd minnhom m'għandu dan il-jedd, peress illi l-partijiet kienu ġia' rrinunzjaw definittivament għalih fil-kuntratt tas- separazzjoni anness ma' dan ir-rikors;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-kundizzjonijiet kollha li kienu miftiehmin u mniżżla fil-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq imsemmi qegħdin jiġu rrispettati miż-żewġ partijiet;*

*Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati huma kkonfermati fl-affidavits tal-esponenti, liema affidavits qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok 'SS3' u Dok 'SS4', u jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabilixxi, jirreġistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet tal-14 ta' Marzu 20.24 li permezz taghha, il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi ulterjuri x'jipproducu u li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SVS xehed (vide affidavit fol 14)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar l-1 ta' Settembru 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Settembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**SZS xehdet (vide affidavit fol 15 )** u kkonfermat u kkorroborat x-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Settembru 1995 liema zwieg jgib certifikat numru 1484/1995 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-

zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat nhar l-24 ta' Settembru 2013 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1484/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**